KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 03

**Il-Ħamis 29 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 03.1 Qari tal-Apoloġiji

03.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw.

## 03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 01 u 02

03.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) prezentat il-minuti taz-zewġ laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

03.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 1 u tas-seduta numru 2 ġew approvati u ffirmati mis-Sidku u mis-SE.

## 03.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

03.3.1 Is-Sindku talab lis-SE sabiex iġġib xi kwotazzjoni għal *cat shelters*. Kien hemm qbil li għandha wkoll tagħmel avviz fuq il-paġna ta' facebook biex jiġu identifikati s-siti kollha fejn hemm il-qtates, minbarra dawk li jaf bihom il-Kunsill, jiġifieri ħdejn l-Isolation Hospital; ħdejn id-Dar tal-Anzjani; il-belvedere ta' ħdejn Triq l-Orkidea; Binja Qlejgha/Skola Primarja u viċin tal-Pjazza tal-Imtarfa. Is-SE infurmat li sfortunatament ma kinitx laħħqet daħlet l-applikazzjoni għall-iskema minħabba li kienet imsiefra u għalkemm talbet għal estensjoni din ma kinitx ġiet aċċettata. Is-Sindku talab lis-SE sabiex filkaz issir talba uffiċjali lill-Ministeru. Sadanittant il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li l-mastrudaxxi li huma Mtarfin jintalbu jagħmlu cat shelter kull wieħed bħala donazzjoni lill-komunità.

03.3.2 Is-Sindku talab lis-SE sabiex, kemm-il darba l-vann li jintuza biex isir il-qadi tal-Kunsill, għandha tara l-possibbiltà li jinxtara vann sal-massimu tad-*direct order*, jiġifieri €5000.

03.3.3 Hawnhekk is-Sindku staqsa jekk kienux tlestew l-istrutturi taz-zibel. Is-SE infurmat li l-*handyman* kien ordna l-materjal imma ma jidhrilhiex li lestihom.

03.3.4 Is-Sindku semma' li jixtieq li jiltaqa' mal-President tal-Imtarfa Drama Group. Il-Kunsill qabel li għandha tissejjaħ laqgħa miegħu qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

03.3.5 Is-Sindku semma' li hu u l-Kunsillier Mifsud intagħzlu biex jitilgħu bħala rapprezentanti għall-*European Week of Regions*.

03.3.6 Is-Sindku informa li wara l-avviz li sar fuq *facebook*, kien hemm ammont sabiħ ta' applikanti għall-*Youth Exchange*. 'Il quddiem se jsiru l-intervisti biex jiġu deċizi l-ħames zgħazagħ.

## 03.4 L-attività tal-Imdina Grand Prix 2019

03.4.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mill-organizzaturi tal-Imdina Grand Prix sabiex jinfurmaw lill-Kunsill li l-attività se ssir fil-*weekend* ta' bejn l-10 u t-13 ta' Ottubru u li l-pjan huwa li timxi fuq l-istess kriterji tas-sena li għaddiet. Is-SE issuġġeriet li jkun hemm Kunsillier responsabbli minn din l-attività bħalma kien hemm fil-passat biex ikun il-*liasion* bejn

il-Kunsill u l-Malta Classic kif ukoll jieħu ħsieb li dakinhar tal-attività kollox jimxi skont kif pjanat. Il-Kunsill qabel li din il-persuna għandha tkun il-Viċi Sindku minħabba li huwa responsabbli mill-Immaniġġjar tat-traffiku. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu pozizzjoni kontriha sakemm ma jkunx hemm kumpens min-naħa ta' Malta Classic kif ukoll is-servizz ta' uzu ta' vann għall-komunità immaniġġjat mill-Kunsill, min-naħa ta' TM. Is-SE ġiet mitlub tinforma b'dan kollu lill-Malta Classic.

## 03.5 Attivitajiet mill-fondi tal-LESA u attivitajiet oħra

03.5.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-AKL kienet introduċiet skema biex kull Kunsill Lokali jagħmel proposta għal kif jista' juza l-fondi minn tal-LESA. Fil-kaz tal-Kunsill tal-Imtarfa l-bilanċ huwa ta' €2156.69. Kien hemm qbil li ssir proposta biex dawn il-flus jintuzaw biex jitranġa d-dawl u l-parkeġġi zejda fi Triq Dar il-Kaptan. Is-SE se tieħu ħsieb tkellem lill-Perit tal-kunsill biex jissottometti pjanta u BOQ's għall-applikazzjoni.

03.5.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li tiġi organizzata xi *pasta night* jew majjalata. Il-Kunsill qabel u ġiet deċiza d-data tal-21 ta' Settembru. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera se jieħdu ħsieb li jtellgħu l-attività.

03.5.3 Is-SE informa li se jkun qed jaħdem fuq l-attività tal-anzjani għal Għawdex. Huwa kien se jgħaddi d-dettalji lill-Kunsill fi zmien qasir.

03.5.4 Fuq talba tal-Kunsillier Sammut Dimech kien hemm qbil li tittella' attività għal *Halloween*. Kien hemm qbil li se jieħdu ħsieb din l-attività l-Kunsilliera Sammut Dimech u l-Kunsilliera Mifsud u l-Viċi Sindku. L-attività se tinzamm nhar il-31 ta' Ottubru.

03.5.5 Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied għall-komunità għandha tinzamm nhar is-Sibt 14 ta' Diċembru filwaqt li nhar it-12 tax-xahar għandha ssir il-ħarġa għall-Presepji.

03.5.6 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jsaqsi lill-Mtarfa FC biex jekk għad hemm iċ-ċans jiġi organizzat il-*Christmas Market*.

03.5.7 Is-SE infurmat li kif kienet tkellmet mal-aħwa Cortis dwar l-attività tal-ġbir taz-zebbuġ li kienet ġiet approvata mill-Kunsill preċedenti. Il-Kunsill qabel li ssir u l-Kunsilliera Sammut Dimech kienet se tikkollabora mas-SE biex din tittella'.

## 03.6 *Open Air Libraries* madwar il-lokalità

03.6.1 Il-Kunsillier Sammut Dimech issuġġeriet li jsiru *open air libraries* f'xi zewġ postijiet madwar l-Imtarfa fejn ir-residenti jkunu jistgħu jħallu u jieħdu kotba bħala inċentiv biex jizdied il-qari. Hija ssuġġeriet li jkun hemm waħda fil-bandli u oħra fi Ġnien is-Sinjura. Kien hemm qbil li għandhom isiru.

03.6.2 Il-Kunsillier Sammut Dimech infurmat li kienet se titlob lill-Onorevoli Farrugia Portelli biex tisponsorjahom hi bħalma diġà għamlet f'lokalitajiet oħra.

## 03.7 Mixtla tal-Pjanti fil-Bosk

03.7.1 Is-SE infurmat li kellha talba mingħand il-konsulent ekoloġiku sabiex tiġi kostruwita mixtla (*nursery*) għall-pjanti li qed jinxtraw kif ukoll għal dawk li jiġu propogati. Din iz-zona tista' tintuza wkoll sabiex jiġu organizzati *workshops* għar-residenti u tista' tkun ta' għajnuna biex 'il quddiem ikollna xi residenti li jgħinuna b'mod volontarju biex inkabbru aktar pjanti fil-bosk stess. Hija semmiet li x-xogħol jista' jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill u n-nefqa għall-ħadid kif ukoll għal tank tal-ilma għall-irrigazzjoni se jiswa madwar €1600. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

03.7.2 Sadanittant is-Sindku fakkar lis-SE sabiex tassigura li jsiru sinjali ġodda u jiġi rranġat id-*decking* qabel ma l-bosk jinfetaħ lura għall-pubbliku.

## 03.8 Ħatra ta' Deputat Segretarju

03.8.1 Is-SE infurmat li skont Artiklu 50 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, kull Kunsill Lokali għandu jkollu Deputat Segretarju. Mal-emendi fil-liġi li seħħew riċentament kien hemm qbil kif ġej:

**Artiklu 50 – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

23. Deputat Segretarju Eżekuttiv ikun maħtur fost l-impjegati tal-Kunsill li jkunu minn skala 11 'il fuq.

Għalhekk l-Artiklu jaqra kif ġej:

*"50. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 49 u 53, Kunsill Lokali għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost l-impjegati tal-Kunsill li jkunu minn skala 11 'il fuq biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga tkun vakanti jew is-Segretarju Eżekuttiv għal xi raġuni ma jkunx jista' jaġixxi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu javża lill-Kunsill fil-ħin u bil-miktub dwar kull ċirkostanza fejn hu ma jkunx jista' jaġixxi:*

*Iżda jekk f'dak il-Kunsill Lokali partikolari ma jkunx hemm impjegati f'dik l-iskala, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jinħatar minn Kunsill Lokali ieħor sakemm dan ikollu l-kwalifiki meħtieġa.".*

03.8.2 Għaldaqstant fuq talba tas-SE, il-Kunsill aċċetta li l-Assistent Uffiċjal Prinċipali tinħatar Deputat Segretarju sabiex fl-assenza u bil-pre-avviz tas-SE, din tkun tista' taġixxi f'isimha.

## 03.9 Fond ta' Ko-Finanzjament CV 7237 – Aċċettazzjoni

03.9.1 Is-SE infurmat li wara li kienet iddaħħlet applikazzjoni għall-ko-finanzjament fuq l-ispejjez li għandhom isiru fuq l-arloġġ u l-bini tal-*interpretation centre*, kienu ġew approvati €100,000 (90% tal-20% tal-ispiza totali) bħala rifuzjoni lura.

## 03.10 Oferta għall-fanali fi Ġnien is-Sinjura – Skema Sebbaħ il-Lokal

03.10.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet risposta min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn dawn ma kinux aċċettaw l-applikazzjoni minħabba teknikalità zgħira. Min-naħa tal-Kunsill kienet iddaħħlet kommunikazzjoni lura bħala appell u għadna qed nistennew risposta lura. Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jagħmel appell maċ-Ċerperson tal-Awtorità u kemm-il darba din tiġi rifjutata, il-Kunsill ikollu jikkanċella l-offerta li nħarġet u jerġa' jippubblika offerta ġdida. Kemm-il darba jiġri hekk kienet se tintbagħat ittra lir-residenti biex ikunu infurmati għaliex kien hemm dan id-dewmien.

## 03.11 Aġġudikazzjoni ta' offerti

03.11.1 Is-SE infurmat li kienu nfetħu zewġ offerti imma sal-ġurnata kienet għadha qed tistenna rapport min-naħa tal-periti u tal-inġiniera u għaldaqstant il-bord tal-evalwazzjoni ma jistax jipproċedi.

03.11.2 Sadanittant infurmat li wara l-aħħar seduta kienet għamlet talba formali lid-Direttur u lill-Ministru sabiex il-Kunsill imexxi b'*direct order* fir-rigward tax-xogħol ta' M&E's għat-torri tal-arloġġ. Hija infurmat li din kienet ġiet aċċettata u għaldaqstant kienet talbet lill-inġiner u lill-kuntrattur biex issir laqgħa fuq il-post biex inkunu nistgħu nipproċedu.

03.11.3 Is-SE infurmat ukoll li minħabba li kien hemm problemi bl-iscaffolding u kienu għadhom għaddejja wkoll b'diversi konsultazzjonijiet mal-HPU, ix-xogħol tar-restawr ma setax jibda u jitlesta fiz-zmien stipulat skont il-kuntratt (il-25 ta' Settembru). Għaldaqstant infurmat li l-kuntrattur kien infurmaha verbalment li kien se jkollu jitlob estensjoni biex ikun jista' jlesti x-xogħlijiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

03.11.4 Is-SE infurmat li kellha laqgħa mal-PPCD dwar il-kontijiet tal-periti fejn dawn kienu infurmaw lill-Kunsill li setgħu jħallsu biss sa €3000. Il-kumplament kien se jkollu jħallashom il-Kunsill. Min-naħa l-oħra, huma kienu assigurawha li l-flus li kien hemm allokati ma kinux se jintilfu imma setgħu jiġu relokati fuq *line item* ieħor.

## 03.12 Punti oħra

03.12.1 Is-SE infurmat li l-GOTO kienet immarkat zewġ parkeġġi fi Triq Dar il-Kaptan u kienet se twaħħal *charging point* kull fejn ikun hemm zewġ parkeġġi. Huma kienu qed jissuġġerixxu wkoll parkeġġ ieħor fi Triq ir-Reġimenti Maltin u ieħor lejn l-eks Sptar. It-talba tagħhom kienet li dawn eventwalment isiru wkoll doppji sabiex ikunu jistgħu jiġu installati *charging points* li se jkunu jistgħu jiċċarġjaw kull tip ta' *electric vehicle*. Il-Kunsill qabel li jitħalla biss parkeġġ wieħed fi Triq Dar il-Kaptan u ieħor fi Triq San David ħdejn il-*bus shelter*. Kien hemm qbil li dak ta' ħdejn l-eks sptar m'hemmx bzonnu.

03.12.2 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li waħda mill-emendi fil-liġi wara r-riforma kienet tgħid li mhux aktar tard minn tliet xhur mill-bidu tal-operat ta' leġislatura, trid tissejjaħ laqgħa pubblika fejn fiha jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tinstab data għal din il-laqgħa. Sadanittant is-SE se tieħu ħsieb tagħmel rapport ta' ħidma dwar il-manifest elettorali taz-zewġ partiti. Dawn jinkludu r-restawr tat-torri u l-bini tal-*visitors centre*; ir-riġenerazzjoni tal-pjazza; l-estensjoni tal-bosk, *heritage trail*, parkeġġi ġodda, *community transport*; rikostruzzjoni tal-belverere fi pjazza San Nikola, *walkway* madwar l-Imtarfa, riġenerazzjoni ta'

Ġnien is-Sinjura, investiment f'enerġija alternattiva; tisbiħ fl-oqsma tad-djar; u finalment ukoll tħaddir u tħawwil ta' sigar madwar il-lokalità.

03.12.3 Is-SE infurmat li l-kuntrattur tal-*Xmas decorations* kien talabha li ssir laqgħa ma' xi rapprezentanti biex niddiskutu minħabba li fil-Milied li għadda kien hemm problemi kbar bir-riħ u xtaq li flimkien mal-Kunsill jesplora l-possibiltajiet biex ikun hemm tibdil. Il-Kunsill wera x-xewqa li jinxtara dawl minn barra minn Malta. Kien hemm qbil li s-Sindku u s-SE għandhom jiltaqgħu miegħu u jgħaddu l-proposti waqt il-laqgħa li jmiss.

03.12.4 Il-Kunsillier Sammut Dimech staqsiet jekk tistax issir *zebra crossing* ħdejn il-bandli tal-Imtarfa. Hija ġiet mgħarrfa li dik li kien hemm qabel kienet bla permess u li minħabba li fuq naħa waħda l-bankina kienet dejqa wisq, ma kienx possibbli li tiġi aċċettata. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikkummissjona disinn għal garaxxijiet fiz-zona tal-*ex married quarters*.

03.12.5 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Sammut Dimech kien hemm qbil li l-Kunsilliera kollha se jagħtu donazzjoni ta' €2.33 fix-xahar għall-MCCF.

03.12.6 Kien hemm qbil li mir-ritratti li jittieħdu għandhom jinħarġu defaults lill-kuntratturi li ma jkunux qed jagħmlu xogħlhom wara 48 siegħa li tkun inġibditilhom l-attenzjoni. Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha tagħmel arranġament biex issir laqgħa magħhom ilkoll.

03.12.7 Is-SE infurmat li hi u l-Viċi Sindku kienu attendew għal Konferenza Stampa dwar il-ħtieġa li l-Kunsill Lokali jkollu Contracts Manager.

03.12.8 Il-Viċi Sindku fakkar lis-SE li l-ħaddiema ta' Dar Kenn għal Saħħtek għadhom joħorġu l-boroz fuq il-bankina.

03.12.9 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-laqgħa kienet ilha għaddejja 3 sigħat. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa titkompla.

## 03.13 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rapprezentant tal-Kunsill

03.13.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li r-Reġjun se joħroġ offerta dwar ġbir ta' *garden waste*. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jkun imdaħħal bħala wieħed mil-lokalitajijet u jmexxi kif ikun jaqbel bħala prezz.

03.13.2 Il-Kunsillier Mifsud tat informazzjoni dwar il-proġett tal-Y-Engage. Kien hemm ħsieb li l-kors taċ-*Child care* jiġi offrut fl-Imtarfa u għaldaqstant talbet li jingħata promozzjoni.

03.13.3 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li se jiġu organizzati *tours* madwar ir-Reġjun Tramuntana. L-ewwel wieħed kien ma' tul il-*Victoria Lines* f'Ottubru li ġej.

03.13.4 Hija infurmat ukoll li r-Reġjun jixtieq jinkoraġġixxi li l-kunsilli lokali zgħar jorganizzaw attivitajiet bejniethom.

03.13.5 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li kienet se tiġi organizzata attività ta' taħwil ta' siġar mir-Reġjun. Il-Kunsill qabel li ladarba diġà qed isiru sessjonijiet ta' propogazzjoni mill-istess Kunsill, l-Imtarfa m'għandhiex tipparteċipa f'din l-attività.

03.13.6 Hija spjegat ukoll li fil-prezent l-AKL kienet qed taħdem fuq app li se tkun tinkludi l-informazzjoni dwar il-lokalitajiet tar-reġjun tramuntana u wieħed ikun jista' jgħaddi anke lmenti fuqha.

## 03.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

03.14.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Vici Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

03.14.2 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li wara l-laqgħa kienu ġew innutati zewġ zbalji zgħar fil-lista preċedenti. Dawn kienu: 4 pagamenti ta' Micamed li tneħħew minn fuq il-lista għax kienu doppji u pagament ta' Charles Gauci li tnaqqsitlu l-5% mill-ammont totali.

## 03.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

03.15.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:25pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 25 ta' Settembru fis-6:00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |